MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 521/1995/4

**Mary Calleja u Victor Calejja, zewgha.**

**vs**

**Francis Scerri u b'digriet tad-9 ta' Jannar 1996 Dr. Raymond Zammit u l-PL Mario Mifsud Bonnici gew nominati kuraturi biex jirraprezentaw lill-imsiefra Carmen Grima xebba Scerri.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 25 ta' April 1995 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fejn gie premess:-

Illi fit-2 ta' Mejju 1985 u 2 ta' April 1993 mietu rispettivament Matia Dolores Scerri u Saviour Scerri, genituri tal-kontendenti ad eccezzjoni ta' Victor Calleja.

Illi d-defunta omm ghamlet zewg testmenti '*unica charta*' datati 19 ta' Lulju 1974 u 23 ta' Settembru 1977 rispettivament in atti Nutar Antoine Galea fejn *oltre* li halliet xi legati nnomimat bhala eredi lil binha l-konvenut Francis Scerri;

Illi wara l-mewt ta' martu d-defunt missier ghamel zewg testmenti ohra datati 12 ta' Awwissu 1986 atti Nutar Anthony Attard u 20 ta' Jannar 1987 atti Nutar Victor Bisazza;

Illi wkoll l-istess decujus ghamel diversi kuntratti datati rsipettivament 20 ta' Jannar 1987, 12 ta' Ottubru 1989 u 6 ta' Novembru 1990 ilkoll atti Nutar Victor Bisazza fejn '*intier alia'* kkostitwixxa ruhu cert u likwidu debitur versu l-atturi ghas-servigi minnhom rezi lilu;

Illi l-atturi ma jridux jibqghu jippossjedu in komuni mal-konvenuti l-ohra fejn dan huwa l-kaz u anzi jridu li jigu immessi fil-process tal-legati mhollija u assenjati lilhom hekk dovuti;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tillikwida l-assijiet ereditarji ta' Maria Dolores Scerri u Salvatore Scerri kompriza l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom;

2. Timmetti lill-kontendenti fil-pussess tal-legati lilhom imhollija bid-diversi testmenti surreferiti;

3. Tassenja l-perzjonijiet hekk likwidati u divizi lill-kontendenti;

4. Tordna u tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu u/jew jiddividu u jassenjaw lill-atturi kif ahjar dettalajt fil-kuntratt/i fuq imsemmija;

5. Tinnomina, jekk inhu l-kaz, periti ghall-fini tal-likwidazzjonijiet u divizjonijiet mehtiega;

6. Tinnomina Nutar ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt opportun u kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali tal-15 ta' Dicembru 1990, 22 ta' Marzu 1991, 29 ta' Lulju 1991, 28 ta' Lulju 1993, 15 ta' Novembru 1993, 5 ta' Jannar 1994, 23 ta' Frar 1994, 28 ta' April 1994, 20 ta' Gunju 1994, 22 ta' Lulju 1994, 27 ta' Settembru 1994 u 19 ta' Dicembru 1994, kif ukoll tal-ittri ufficjali datati 17 ta' Mejju 1991 u 27 ta' Settembru 1993 kontra l-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess atturi a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti minn fol. 4 sa fol. 49 tal-process;

Rat ir-rikors ta' Mary Calleja *et* datat 25 ta' April 1995 a fol. 51 tal-process fejn l-esponenti talbu lill-Onorabbli Qorti joghgobha tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti fl-atti ta' l-imsemmija Citazzjoni u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Giannino Caruana Demajo regghet rat ir-rikors, u r-rikors ulterjuri tas-27 ta' Dicembru 1995; irrevokat *contratio imperio* d-digriet tas-27 ta' Dicembru 1995, u ordnat li jinhargu l-kuraturi li jmiss skond l-elenku. Dr. Raymond Zammit u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici kif jidher bid-digriet moghti fid-9 ta' Jannar 1996 a fol. 61 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Noel Arrigo ghas-seduta tat-30 ta' April 1996.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Francis Scerri datata 1 ta’ Marzu 1996 a fol. 64 tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Fl-ewwel lok l-intempestivita` tal-azzjoni in kwantu titlob id-divizzjoni tal-wirt ta’ Saviour Scerri billi l-konvenut ghadu qieghed jiddelibera ghandux jaccetta dan il-wirt jew le;

(2) Fit-tieni lok illi t-testment ta’ Saviour Scerri jilledi d-dritt tal-legittima spettanti lill-konvenut eccipjent li hu minn issa qed jirriserva;

(3) Fit-tielet lok illi dwar il-qsim tal-wirt ta’ Maria Dolores Scerri, salv il-verifika ta’ kwoti u konsistenza tal-assi, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta’ din il-Qorti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Francis Scerri a fol. 64 u 65 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Ray Zammit *nomine* datata 14 ta’ Mejju 1996 a fol. 72 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi hu mhux edott mill-fatti.

2. Illi huma jitolbu lill-atturi jaghtihom l-indirizz ta’ Carmen Grima xebba Scerri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-attur Dr. Ray Zammit *nomine* a fol. 72 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert Manche` inkluzi li l-kawza kienet thalliet ghad-decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut fis-16 ta’ Gunju

1997 ghall-24 ta' Ottubru 1997 u fl-ahharnett ghad-29 ta' Jannar 1999.

Rat in-nota ta' sottomissjonijijet tal-atturi datata 21 ta' April 1997 a fol. 86 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2000 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Jannar 2000; u l-verbal tas-26 ta' Jannar 2000 fejn inghatat sentenza *in parte* dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Francis Scerri.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2003 il-kawza giet differita ghat-28 ta' Jannar 2004 ghas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Mary Calleja *et* datata 17 ta' Novembru 2003 a fol. 318 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjoniijiet tal-konvenut Francis Xerri *et* datata 3 ta' Dicembru 2003 a fol. 327 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tat-13 ta' Frar 2004 meta ssejhet il-kawza dehret l-attrici assistita minn Dr. Pawlu Lia. Inghatat sentenza. Il-kawza deciza.

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 26 ta' Jannar 2007.

Rat li din il-kawza regghet giet ri-appuntata minn din il-Qorti kif hekk presjeduta ghas-smigh fis-seduta tat-18 ta' April 2007.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi datata 21 ta' Jannar 2008 a fol. 432 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut Francis Scerri datata 5 ta' Frar 2008 a fol. 439 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif attwalment presjeduta fejn fis-seduta tas-17 ta' April 2008 meta ssejhet il-kawza dehret l-attrici. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza dehret biss l-attrici. Dr. Pawlu Lia msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ostacolo ghas-27 ta' Novembru 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fit-2 ta' Mejju 1985 (Dok. "A") mietet Maria Dolores Scerri u s-successjoni taghha hija regolata b'zewg testmenti *unica charta* datati 19 ta' Lulju 1974 (Dok. "G" fol. 22) u 23 ta' Settembru 1977 (Dok. "H" – fol. 24) fejn gew mhollija xi legati u nnominat lill-konvenut Francis Scerri bhala eredi. Il-wirt taghha gie denunzjat fit-3 ta' Gunju 1985 (2041/85) u 30 ta' Dicembru 1987 (3917/87) u 31 ta' Awissu 1988 (2705/88) (Dok. "C" – fol. 10 *et sequitur*).

Illi skond l-istess l-attrici Mary Calleja inghatat bhala legat il-pjan terran f'Naxxar Road, San Gwann bil-bitha u giardinetta retroposta b'nofs indiviz ta' l-arja tal-istess pjan minn naha tal-lvant u gie ddikjarat li l-istess terran kien gie mibni u art parafernali tat-testatrici.

Illi bit-tieni testment hallew lill-konvenuta Carmen Grima (a) bicca art bl-isem "Tal Imsierah", Naxxar Road, San Gwann (artikoku 3 tat-testment datat 23.09.1977) u (b) il-

hanut numru 1, St. Paul's Street, San Gwann mikri lill-terzi; u prelagat a favur il-konvenut il-fond numru 1, St. Paul's Street, San Gwann *"a limine litis"* u bir-remissa mieghu lill-konvenut Francis Scerri li gie nominat ukoll bhala l-unika eredi ta' l-istess.

Illi jirrizulta wkoll li permezz ta' kuntratt datat 9 ta' Frar 1981 il-konjugi Scerri trasferew lill-konvenut Francis Scerri l-istess fond numru 1, St. Paul's Street, San Gwann.

Illi Saviour Scerri miet fit-2 ta' April 1993 (Dok. "E") u ghamel zewg testmenti datati 12 ta' Awissu 1986 (Dok. "I") fl-atti tan-Nutar Anthony Attard  u tal-20 ta' Jannar 1987 (Dok. "J") fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza u ghalhekk is-successjoni tieghu hija regolata b'dawn it-testmenti wkoll. Minbarra dan huwa ghamel tlett kuntratti fl-atti tal-istess Nutar datati rispettivament 20 ta' Jannar 1987 (Dok. "K"), 12 ta' Ottubru 1989 (Dok. "L") u 6 ta' Novembru 1990 (Dok. "M") fejn ikkostitwixxa ruhu bhala debitur tal-atturi ghall-servigi lilhom resi.

Illi bit-testment tat-12 ta' Awwissu 1986 halla bhala prelegat remunetarju lill-attrici Mary Calleja li nghatat bhal legat (a) s-somma ta' Lm1,000 (li pero' gie revokat b'testment datat 20 ta' Jannar 1987) u (b) in-nofs diviz tal-arja tal-pjan terran "Marvic" f'Naxxar Road, San Gwann b'dan li dan li l-arja giet kollha taghha; u lill-konvenut Francis Scerri hallilu s-somma kollha li kien baqghalu jaghti bhala prezz tal-bejgh tal-fond Numru 1, Triq  San Pawl, San Gwann, wara li ddikjara li fil-fatt l-istess konvenut ma kien hallsu l-ebda somma; u lil Carmen Grima kull somma ta' flus li huwa baghtilha minn zmien ghal zmien in konnessjoni mal-hanut "Pot and Plant, Triq San Pawl, San Gwann u nnomina lit-tlett uliedu bhala eredi.

Illi b'kuntratt datat 20 ta' Jannar 1987 hallas lil Mary u Victor Calleja l-ammont ta' Lm1,095 bhala kumpens ghall-servigi (l-1 ta' Mejju 1982 sat-30 ta' April 1984) ; u ddikjara li ghandu jhallas is-somma ulterjuri ta' Lm1,492.50 lill-istess ghall-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 1984 sal-1 ta' Mejju 1985 u 2 ta' Mejju 1985 sal-20 ta' Jannar 1987, li

minnhom hallas fuq il-kuntratt is-somma ta’ Lm105 u l-bilanc ta’ Lm1,387 kellu jithallas wara l-mewt tieghu u kellu jhallas b’effett mill-istess data s-somma ta’ Lm1.50 kuljum ta’ servizzi resi lilhu minn dak in-nhar fid-dar tal-istess u sakemm idum fid-dar tal-istess, li b’kuntratt datat 12 ta’ Ottubru 1989 (Dok. “L”) iddikjara li huma *oltre* l-ammonti ta’ servigi gja ddikjarati minnu bhala dovuti u/jew imhallsa; b’kuntratt datat 6 ta’ Novembru 1990 giet iffissata s-somma ta’ Lm3,465 bhala rinumerazzjoni bir-rata ndikata ghall-perijodu bejn l-1 ta’ Mejju 1984 sas-6 ta’ Novembru 1990 u bhala hlas ghall-istess ittrasferixxa nofs id-depositu bankarju fil-Bank of Valletta Ltd Numru 67004812 ghall-ammont ta’ Lm227.20; nofs indiviz tal-hanut Numru 1, St. Paul’s Street, San Gwann; l-ammont ta’ Lm1,000 li huwa kreditu tal-komunjoni (Lm2,000 – skond dikjarazzjoni tas-26 ta’ Frar 1991 – Dok. “N”) li serva ghall-bini tat-terran, Marvic, Naxxar Road, San Gwann u li dawn jammontaw ghal Lm2,077 u ghalhekk baqa’ bilanc ta’ Lm1,388.80.

Illi fit-2 ta’ Dicembru 2003 il-konvenut pprezenta dikjarazzjoni fis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fejn huwa huwa rrinunzja ghall-eredita’ ta’ missieru u zamm ferm id-dritt tieghu ta’ legittima.

Illi b’sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 26 ta’ Jannar 2007 (fol. 366) inghad minhabba dak hemm spjegat u *in vista* tax-xhieda tal-attrici l-ewwel li jrid jigi deciz huwa jekk il-konvenut ghamilx tassew att ta’ eredi u b’hekk jigi li implicitament accetta l-wirt ta’ missieru allura ma kienx iktar possibbli ghalih li jirrinunzja ghall-wirt u dan minkejja d-dikjarazzjoni ta’ rinunzja tieghu datata 2 ta’ Dicembru 2003. Jekk ma ghamel l-ebda att ta’ eredi jkun ifisser li l-istess konvenut ghandu jitqies bhala li rrinunzja ghall-istess wirt u tispetta lilu l-legittima skond il-ligi fir-rigward tas-successjoni ta’ missieru Saviour Scerri skond kif eccepixxa allura fit-tieni eccezzjoni tieghu.

Illi dwar dan din il-Qorti thoss li l-att li ghamel il-konvenut li bih huwa mpossessa ruhu mill-mobbli appartenenti lill-eredita’ ta’ mejjet missieru, meta huwa kien jaf li l-istess ma humiex tieghu, (tant li llum konxju ta’ dak li ghamel u

sabiex jevita l-konsegwenzi ta’ l-istess qed jghid li dawn inghataw lilu waqt li l-genituri kienu ghadhom hajjin) huwa att ta’ eredi li jindika b’mod car li l-istess konvenut kien qed jaccetta l-eredita’ ta’ missieru **(“Anthony Camilleri proprio et nomine vs Maria mart Peter Paul Camilleri et”** – Q.M. GH. (A.E.) – 23 ta’ Mejju 2008) u dan l-att huwa wiehed li jaqa’ taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 850 (2) tal-Kap 16** u l-pussess tal-istess mobbli huwa att li jissupponi necessarjament il-volonta’ tieghu li jaccetta l-wirt; liema att ma jkollux dritt jaghmel kieku ma agixxiex fil-kwalita’ ta’ eredi **(“Clementina Farrugia et vs Maddalena Farrugia et”** – 30 ta’ April 1962 – XLVIB.i.214).

Illi f’dan il-kuntest jinghad li l-posizzjoni legali hija li kemm il-darba persuna tiehu pussess tal-wirt u jaghmlu att ta’ eredi dan ifisser li jkunu accettaw l-istess wirt u allura ma jistghux iktar jirrinunzjaw ghall-istess wirt u f’dan is-sens hija s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell f’din il-kawza stess u dawk fl-ismijiet **“Neg. Joseph Darmanin noe vs Alfred Micallef”** (A.C. – 22 ta’ Ottubru 1951); **“Giuseppa Scicluna vs Carmela Vella”** (P.A. (JCC) – 14 ta’ Mejju 1957); **“Lorenza Cauchi vs Carmelo Cilia”** (P.A. (JF) – 30 ta’ Settembru 1985); u **“Joseph Gauci et vs Jane Gauci et”** (P.A. (TM) – 3 ta’ April 2003). Tenut kont ta’ dan kollu u dak li gie ritenut fis-sentenza **“Professur Joseph Galea vs Dr. Antonio Bonnici”** (A.C. – 6 ta’ Novembru 1961) meta persuna taghmel uzu u tiehu pussess ta’ oggetti li halla l-missier, kif il-konvenut ghamel f’dan il-kaz, fuq il-mobbli kollha li kienu fid-dar tal-genituri tieghu, dan jammonta ghall att li jindika accettazzjoni ta’ l-eredita’ ta’ dak il-missier.

Illi fid-dawl ta’ dan kollu u wara li din il-Qorti hasbet fit-tul fuq dan il-punt u wara li ezaminat il-provi kollha prodotti f’dan il-kuntest thoss li dak li gie ppruvat f’din il-kawza huwa li l-konvenut Francis Scerri kellu c-cwievet tad-dar Numru 1, Triq San Pawl, San Gwann, li  l-ewwel kien gie mholli lilu bhala legat mill-genituri tieghu, izda mbaghad waqt li kienu ghadhom hajjin huma ittrasferew lilu l-istess fond b’titolu ta’ bejgh b’kuntratt datat 9 ta’ Jannar 1981 fl-atti tan-Nutar Anthony Attard.

Illi dan ifisser li l-legat imsemmi fit-testment tat-23 ta' Settembru 1977 dwar l-istess fond ma setghax jiehu effett u dan ghaliex gie sorpassat bil-bejgh tal-istess immobbli lill-konvenut. Fl-istess bejgh ma gewx inkluzi l-istess mobbli li bih kien adebit l-istess fond, b'dan ghalhekk li l-istess mobbli baqghu tat-testaturi u dan huwa ammess mill-konvenut fix-xhieda tieghu li huwa ta' *viva voce* (kontro-ezami tal-konvenut datat 23 ta' Ottubru 2007 – fol. 419) u isegwi li bil-mewt ta' ommu l-istess mobbli ghaddew ghand il-konvenut bhala uniku werriet ta' ommu, mentri n-nofs l-iehor intiret mit-tliet ahwa bhala werrieta tal-istess missierhom, inkluz allura l-istess konvenut.

Illi huwa veru li l-konvenut jghid li ghalkemm huwa minnu li huwa kellu cavetta tal-istess dar u l-oggetti saru tieghu ghaliex gew moghtija lilu b'donazzjoni mill-genituri tieghu waqt hajjithom, u jghid ukoll li l-affarijiet li kien hemm kienu intradmu meta waqghu s-soqfa ta' zewgt ikmamar tas-sodda fis-snin 1989 u 1990;  u l-bqija zammhom fil-garaxx tieghu  ghaliex kienu tieghu u b'hekk qed jallega li huwa bl-ebda mod ma ha pussess ta' xi oggetti appartenenti l-eredita' ta' missieru.

Illi izda fl-opinjoni ta' din il-Qorti din il-verzjoni tal-konvenut ma hijiex kredibbli u dan qed jinghad anke wara li din il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' lill-konvenut jixhed quddiemha *viva voce,* u fil-fatt thoss li fl-isfond tal-istess testimonjanza minnu moghtija, x-xhieda u l-versjoni tieghu ma humiex kredibbli, ghalkemm konvenjenti ghat-tezi tieghu u  thoss li jirrizulta mill-atti li l-istess mobbli li kienu fil-post mibjugh lilu baqghu fil-fatt proprjeta' ta' l-istess genituri tieghu u l-allegazzjoni tieghu li dawn inghataw lilu waqt hajjithom ma hija sostanzjata bl-ebda mod u hija lanqas hija verosimili, tenut kont tal-fatt li jirrizulta li fejn l-istess testaturi riedu li l-istess konvenut jkollu kollox huma qaluh (hekk per ezempju kien sar fit-testement relattiv fejn il-post kien thalla bhala legat – disposizzjoni li giet superata bil-kuntratt ta' bejgh tal-istess immobbli); f'dan il-kaz fil-kuntratt ta' bejgh tal-immobbli in kwistjoni ma hemm xejn indikat dwar il-mobbli u ghalhekk certament li l-istess ma gewx trasferiti lill-konvenut u b'hekk kollox jindika li l-

istess mobbli qatt ma gew trasferiti mill-genituri lill-konvenut f'hajjithom u ghalhekk meta l-istess konvenut ha pussess tal-istess mobbli, haga li ghamel qabel ma biegh l-istess post lill-terzi, huwa kien fil-fatt ha pussess u kien qed jamministra proprjeta' tat-testatur u dan huwa att ta' eredi li jfisser li huwa accetta l-wirt ta' missieru u ghalhekk wara dan ma kienx possibbli izjed ghalih li jirrinunzja ghal tali wirt u dan lanqas b'dikjarazzjoni formali maghmula minnu kif inghad fit-2 ta' Dicembru 2003.

Illi b'hekk din il-Qorti thoss li ladarba gie pruvat li l-istess konvenut kellu pussess tal-istess mobbli, u dan ghaliex kien biss il-konvenut li kellu access ghall-istess post fejn dawn kienu, u meta biegh l-istess fond lill-terzi, huwa baqa' fil-pussess tal-istess mobbli u zammhom ghandu u dan jikkostitwixxi accettazzjoni tacita tal-wirt.

Illi fil-fatt din il-Qorti thoss li x-xhieda (11 ta' Gunju 2001) fuq dan il-punt ta' Mary mart Victor Calleja (Dok. "MVC 1") hija hafna iktar kredibbli tant li l-istess tghid li:-

*"hija Francis biss ...kellu pussess u kien jamministra jew ahjar jimmanigga l-proprjeta' immobiljari, u anke dik mobiljari tal-wirt ta' ommi. Infatti anke l-ghamara u l-effetti l-ohra mobili kollha (tal-komunjoni) li kienu jinsabu fid-dar ta' abitazzjoni tal-genituri u li hemm indikati fil-lista dettaljata mehmuza ma l-statements ta' likwidazzjoni tal-ereditajiet tal-genituri, - dawn kienu kollha ghand hija Francis u fil-pussess tieghu u ittiehdu kollha esklussivament minnu. Jiena u ohti Carmen ma konna hadna assolutament xejn minnhom".*

Illi ssir riferenza wkoll ghall lista ndikata bhala "Assi tal-mejta Maria Dolores Scerri" (Dok. "MVC 2" – fol. 209) fejn jinghad f'paragrafu A (7) is-segwenti:-

*"ghamara u effetti ohra mobbli, kollha tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u esistenti fid-dar ta' abitazzjoni tad-decuius u zewgha, 1a, Triq San Pawl, San Gwann, fil-jum tal-mewt tad-decuius Maria Dolores Scerri. Dawn l-effetti mobili jinsabu deskritti fl-annessa lista markata Dok: "MDSS" u huma kalkolati tal-valur ta' mhux anqas minn ERBA" MITT*

*LIRA (Lm400). Ebda stima taghhom ma kienet saret meta mietet Maria Dolores Scerri billi fid-Denunzja tas-Successjoni taghha Numru 2041/85 presentata u mahlufa minn Francis Scerri fit-3 ta' Gunju 1985, hu kien iddikjara erronjament li ma kien hemm ghamara u effetti mobili billi d-decuius M.D. Scerri qabel ma giet rikoverata Has-Serh, hija u zewgha kienu jikkoabittaw ma binthom Mary Calleja. Mentri in realta' l-effetti mobili kollha kienu ghadhom fid-dar ta' abitazzjoni tal-genituri tieghu 1a, gew kollha mehuda esklussivament minn Francis Scerri bhala eredi uniku testamentarju taz-zewgt genituri tieghu".*

Illi hawn issir riferenza ghall-lista "MDSS" (fol. 212) fejn hemm indikat fid-dettal f'hiex kienu jikkonsistu l-istess mobbli. Dawn huma indikati li huma appartenenti ghal nofshom lill-istess assi ereditarju ta' Salvatore Scerri (Dok. "MVC -3" – (1 (d) - fol. 214) u Dok. "SS -1"). Kif inghad fl-istess *statements* dawn il-mobbli ma kienux denunzjati mill-konvenut Francis Scerri bhala werriet ta' ommu fid-denunzja numru 2041/85 peress li huwa qal li ommu kienet toqghod Has Serh mentri missieru kien jghix ma' ohtu.

Illi apparti dan kollu din il-Qorti tinnota wkoll li forsi wiehed jista' jiehu binarju iehor u dan huwa li originarjament l-istess mobbli kienu inkluzi fil-prelegat mholli lilu tal-istess fond li inghata bl-affarijiet mobbli *a limine intus*; wara sar it-trasferiment tal-immobbli mill-genituri lill-konvenut bla ma ssemma xejn dwar l-istess mobbli li allura baqghu tal-genituri; wiehed jista' forsi jargumenta li l-prelegat (testment 23.09.1977) baqa' *in vigore* ghal dak li huma l-mobbli li kien hemm fl-istess dar *a limine litus* skond ir-raba' artikolu tal-istess testment, u dan peress li ma kienx hemm revoka tal-istess klawsola u l-mobbli ma ssemmewx fil-kuntratt ta' trasferiment; pero' dan ikun ifisser ukoll li b'hekk il-konvenut ikun accetta dan il-pre-legat tal-mobbli maghmul ukoll minn missieru; u din hija fatali wkoll ghall-konvenut.

Illi kien ghalhekk li huwa hareg bit-tezi li dawn inghataw lilu mill-genituri tieghu waqt hajjithom, haga li hija ghal kollox inverosimili ghaliex ma hemm ebda prova ta' tali

donazzjoni. Dan huwa sinifikanti wkoll fil-kuntest tal-fatt li ghal dak li huma immobbli l-att ta' trasferiment kien wiehed ta' bejgh, ghalkemm f'disposizzjoni testamentarja jinghad li l-ebda parti minn dak indikat bhala prezz qatt ma thallset, tant li l-imsemmi kreditu favur it-testaturi thalla bhala legat lill-konvenut u din il-Qorti hija konvinta li bil-mod kif saru l-affarijiet kieku kien hemm donazzjoni tal-mobbli din kienet tkun registrata mill-istess testaturi u/jew genituri.

Illi ghalhekk din il-Qorti issa sejra tghaddi ghall-assenjazzjoni tal-assi ereditarja ta' Maria Dolores Scerri u ta' Saviour Scerri dwar l-istess jinghad li:-

Illi fl-ewwel lok jinghad li l-assi ereditarji tal-istess konjugi Scerri jikkonsistu fl-assi indikati fil-prospetti esebiti bhala Dok. "MVC2/3 a fol 208 sa 214 tal-process u bhas-sentenza tat-13 ta' Frar 2004 tikkonsidra l-istess bhala affidabbli ghad-divizzjoni tal-istess assijiet u tadotta l-istess bhala parti minn din id-decizjoni.

Illi abbazi tad-disposizzjonijiet testamentarji ndikati l-assenjazzjoni ghandha ssir bil-mod segwenti

(a) l-attrici Mary Calleja qed tigi assenjata bhala legat il-pjan terran bl-isem Marvic f'Naxxar Road, San Gwann bil-bitha u giardinetta retroposta u bl-arja kollha tieghu (tesment unica charta datat 17 ta' Lulju 1974 u testmenti tal-missier datati 12 ta' Awissu 1986 u 20 ta' Jannar 1987) inkluz n-nofs indiviz tal-arja fuq l-istess pjan terran deskritt aktar il-fuq fuq in-naha tal-punent u dan bhala legat ta' *cosa altrui*; (b) l-assi ereditarju ta' missierha huwa debitur fil-konfront taghha fl-ammonti ta' Lm1,388 u Lm177 (fol. 214) kif indikat fil-prospett indikat bhala Dok. "MVC 2/3" u bil-kuntratt datat 6 ta' Novembru 1990 fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza.

Illi minbarra dan l-attrici hija nominata bhala eredi fi kwota ta' terz tal-assi ereditarju ta' missierha fejn ma hemm ebda immobbli peress li n-nofs indiviz tal-hanut Numru 1, St. Paul Street, San Gwann kien ittrasferih lill-attrici u lil zewgha b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Victor J. Bisazza datat 6

ta’ Novembru 1990; ma kien hemm l-ebda depositi bankarji kif indikat fil-paragrafi 2 (a) u (b) tad-Dok. “MVC – 3” (fol. 213) ghar-ragunijiet hemm indikati; l-kreditu ta’ Lm1,000 kien ukoll gie trasferit lill-istess attrici u zewgha bl-istess kuntratt.

(b) l-konvenuta Carmen Grima qed tigi assenjata b’titolu ta’ legat il-bicca art bl-isem “Tal Imsierah”, Naxxar Road, San Gwann kif deskritta f’artikolu 3 tat-testment datat 23.09.1977) u nofs indiviz tal-hanut numru 1, St. Paul’s Street, San Gwann mikri lill-terzi li kien appartenenti lill-omm (u dan peresss li ghalkemm fit-testement datat 23 ta’ Settembru 1977 tali fond thalla mill-genituri lill-konvenuta Carmen Grima, pero’ sussegwentement b’kuntratt datat 6 ta’ Novembru 1990 Saviour Scerri trasferixxa nofs indiviz tal-istess post lill-attrici Mary Calleja); l-istess Carmen Grima b’testment datat 12 ta’ Awissu 1986 inghatat bhala prelegat kull somma li kien taha missierha in konnessjoni mal-hanut Pot and Plant fi Triq San Pawl, San Gwann.

Illi minbarra dan l-istess konvenuta giet nominata bhala eredi fi kwota ta’ terz tal-assi ereditarju ta’ missierha u dwar dan tirreferi ghal dak li gia nghad iktar ‘il fuq f’din is-sentenza.

(c) l-Assi l-ohra appartenenti lill-eredita’ tal-mejta Maria Dolores Scerri, qed jigu assenjati lill-konvenut Francis Scerri bhala l-unika eredi tal-istess ommu skond testment datat 23 ta’ Settembru 1977, b’dan ghalhekk li dan jinkludi wkoll nofs l-istess imsemmija mobbli li kienu jinsabu fil-fond 1, St. Paul’s Street, San Gwann attwalment trasferit lill-konvenut b’kuntratt datat 9 ta’ Frar 1981, u li l-konvenut biegh lill-terzi, u l-proprjeta’ l-ohra indikata fid-dokument Dok. “MVC 2” provenjenti mill-istess assi ereditarju ta’ ommu u dan wara li jinqata’ l-passiv tal-eredita’ u jithallsu l-legati kollha hemm indikati fl-istess disposizzjonijiet testamentarji, b’dan pero’ li Francis Scerri ghandu kreditu fl-ammont ta’ Lm645.83 li kienu baqghux ghand il-missier wara l-bejgh tal-art maghrufa ta’ “Id-Delli”, Msierah, bil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Attard tat-22 ta’ Mejju 1986.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-assi ereditarju ta' missieru l-istess konvenut thalla bhala pre-legat b'testment datat 12 ta' Awissu 1986 *"kwalunkwe somma ta' flus li l-istess Francis Scerri ghandu jhallas bhala bilanc tal-prezz tal-fond"* u mill-bqija huwa nominat bhala eredi fi kwota ta' terzi mill-istess assi fuq indikati fl-istess dokumenti u liema assi gew indikati fid-Dok. "MVC -3" u li ghalihom japplika dak li nghad f'din id-decizjoni.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti in kwantu l-istess huma inkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici bil-mod hawn deciz** b'dan li skond dak indikat f'din is-sentenza tillikwida l-assi ereditarji tal-konjugi Maria Dolores u Saviour Scerri kompriza l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, timmetti fil-pussess lill-kontendenti tal-legati lilhom imhollija, u tassenja l-porzjonijiet hekk likwidati u divizi bejn il-kontendenti, inkluzi li tordna l-hlasijiet tal-krediti dovuti, u tinnomina lin-Nutar Carmel Martinelli biex fi zmien disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jircievi l-att relattiv fid-data, post u hin maghzul minnu u tinnomina lill-Avukatessa Dr. Veronica Aquilina bhala kuratur sabiex tidher ghall-kontumacja fuq l-istess att jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez a karigu tal-kontendenti skond ir-rispettivi kwoti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------